**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 54 tas-16 ta' Novembru 2022 dwar l-assenza ta' Ministri waqt il-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari**

Fis-seduta ta' filgħaxija tat-Tlieta, 15 ta' Novembru 2022, waqt il-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari, l-Onor. Robert Cutajar, għan-nom tal-Onor. Ivan Bartolo, għamel id-domanda 2882 lill-Ministru għat-Trasport, I-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, liema domanda kienet tgħid hekk:

> "**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Jista' l-Ministru jagħti update fuq il-mistoqsija parlamentari 23751 li ġiet mistoqsija fil-leġiżlatura li għaddiet u jgħid jekk huwiex possibbli li ssir zebra crossing biswit ix-showroom tal-Harley-Davidson fi Triq l-Imdina, Ħ'Attard fejn it-triq tranġat minħabba l-proġett tas-Central Link?"

Minnufih wara kien hemm dan l-iskambju ta' interventi:

> "**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, jidher li l-Ministru Aaron Farrugia mhux qiegħed hawnhekk. Jekk jogħġbok, nista' nistaqsi r-raġuni għalfejn il-Ministru Aaron Farrugia mhux hawn? Forsi qed jiddejjaq jiffaċċja lill-Oppożizzjoni li għandna lesti għalih fuq dak li assistejna għalih illum, u ovvjament stejjer oħra relatati mal-istraġi fit-traffiku li għandna f'pajjiżna.
>
> **ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** Sur President, l-ewwel nett nassigurah li l-Ministru Farrugia m'għandu assolutament ebda problema li jiġi hawnhekk u jagħti r-risposti kollha. (Onor. Membri: Hear, hear) Il-Ministru Farrugia qiegħed impenjat f'xogħol uffiċjali tal-Gvern u qiegħed ... (Interruzzjonijiet)
>
> **ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Ma nemmnukx.
>
> **ONOR. OWEN BONNICI:** Iva, iva, għax il-verità qed ngħid ..."

Dan ikkonfermah ftit mumenti wara is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali u Whip tal-Gvern l-Onor Andy Ellul u nikkwota:

> "**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, jien nikkonferma li l-Ministru Aaron Farrugia qiegħed impenjat f'xogħol uffiċjali."

Sussegwentement saru diversi domandi supplimentari minn diversi Membri, l-aktar mill-Onor. Adrian Delia, liema domandi kienu jikkonċernaw rapport li ċċirkola fil-ġurnali b'filmat li kien juri inċident li fih żewġ uffiċjali ta' Transport Malta allegatament dehru jsawtu jew imiddu jdejhom fuq persuna fil-Marsa. Waqt dawn il-mistoqsijiet supplimentari reġgħet inqalgħet il-kwestjoni għaliex il-Ministru Aaron Farrugia ma kienx preżenti fil-Kamra u nikkwota:

> "**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Iva. Għandi informazzjoni li l-Ministru Aaron Farrugia qiegħed fil-bini tal-Parlament. Nistieden lill-Whip jgħidlu biex jiġi hawnhekk.
>
> **L-ISPEAKER:** Grazzi. Kompli bir-risposta, Ministru. (Interruzzjonijiet) Fil-qosor jekk jogħġbok, ħa nkomplu bix-xogħol. Is-Segretarju Parlamentari Any Ellul, fil-qosor ħafna, fuq dak li qal l-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Jista' jkun weħel fil-lift! (Għajjat)"

Ftit wara kien hemm intervent mill-Onor. Ryan Callus u nikkwota:

> "**ONOR. RYAN CALLUS:** Sur President, hawnhekk qed niżgwidaw lill-Kamra. Ftit tas-sekondi ilu, jien, l-Onor. Mario de Marco u l-Onor. Aaron Farrugia tlajna flimkien fil-lift, ħriġna flimkien, jien u l-Onor. de Marco dħalna hawnhekk u l-Ministru Aaron Farrugia ħareġ mil-lift u ħarab. Qed niżgwidaw lill-Kamra."

F'dak il-mument qam ħafna storbju fil-Kamra tant li s-Sedja ħasset li kellha tissospendi s-seduta għal ftit minuti. Meta l-Kamra rriżumiet, l-Onor. Adrian Delia indirizza lis-Sedja u qal hekk:

> "**ONOR. ADRIAN DELIA:** X'inhi r-raġuni li ladarba l-Ministru qiegħed hawn fil-Parlament mhuwiex iwieġeb hu? (Onor. Membri: Hear, hear) Irrid it-tweġiba. Fejn hu l-Ministru Aaron Farrugia? Għalfejn mhux qed iwieġeb hu?
>
> **L-ISPEAKER:** Grazzi. Dan mhux point of order, kif taf inti, Onor. Delia, għaliex point of order ... (Interruzzjonijiet) X'inhu l-point of order?
>
> **ONOR. ADRIAN DELIA:** Li l-pretiża li ngħatat lis-Sedja bħala raġuni għalfejn il-Ministru mhux qiegħed hawn iwieġeb kienet gidba. Il-Ministru qiegħed hawn, u allura r-raġuni għalfejn sieħbu ġentilment qed joffri, allura ... Dik hi l-iStanding Order.
>
> **L-ISPEAKER:** Is-Sedja nnotat dak li qed tgħid, u tatek id-direzzjoni tagħha. Ngħaddu għat-Tqegħid ta' Karti. Skada l-ħin tad-domandi. Niġu għat-Tqegħid ta' Karti. Id-Deputat Prim Ministru. Ippermettili waħda ... L-Onor. Robert Cutajar, fil-qosor ħafna.
>
> **ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, qed nitlob ruling min-naħa tiegħek, għaliex ovvjament il-Parlament għandu l-aċċess biex jikkonferma li l-Ministru mhux veru kien barra l-bini, imma bil-cameras CCTV li hawn hawnhekk tista' tikkonferma inti, flimkien mal-pulizija, li dan daħal, qiegħed fil-bini, u naqas li jagħmel ix-xogħol tiegħu li jiġi hawnhekk u jwieġeb id-domandi.
>
> **L-ISPEAKER:** Is-Sedja ħadet nota, u kulħadd jerfa' r-responsabilità tiegħu."

Is-Sedja tara illi dan il-każ jikkonċerna żewġ punti importanti ta' proċedura parlamentari, waħda dwar il-punt ta' ordni mqajjem mill-Onor Adrian Delia dwar jekk fil-fatt kienx hemm dak li qed jiġi allegat, u ċjoè li l-Kamra ġiet żgwidata min-naħa tal-Gvern, mill-Onor. Owen Bonnici u min-naħa tas-Segretarju Parlamentari Andy Ellul, bħala Whip tal-Gvern.

Il-punt l-ieħor jirrigwarda t-talba għal ruling mill-Onor Robert Cutajar dwar il-kwestjoni tal-assenza tal-Ministru Aaron Farrugia fil-bini tal-Parlament waqt il-ħin tal-mistoqsjiet parlamentari u dan peress lil kien hemm mistoqsijiet indirizzati lilu. Hawnhekk is-Sedja se tidħol fuq il-punt tar-responsabbiltà ministerjali "ministerial responsibility" kemm f'dak li huwa "collective ministerial responsibility" u "individual ministerial responsibility".

Is-Sedja kkonstatat li fil-mument li l-Ministru Owen Bonnici u s-Segretarju Parlamentari Andy Ellul informaw lill-Kamra li l-Ministru kien fuq xogħol uffiċjali, ma kellhomx l-intenzjoni li jiżgwidaw lill-Kamra. Dan qed tgħidu għaliex sabiex is-Sedja tasal għall-konklużjoni li fil-fatt

kien hemm żgwidar jeħtiġilha taċċerta ruħha li kien hemm ukoll l-element tal-intenzjoni, tal-*mens rea*. Dan il-punt ġie trattat f'diversi rulings preċedenti, fosthom ir-Ruling mogħti fis-Seduta 39 tas-26 ta' Ġunju tal-2013, ir-Ruling mogħti fis-Seduta 455 tat-22 ta' Novembru 2016, ir-Ruling mogħti fis-Seduta 323 tad-29 ta' April 2020, ir-Ruling mogħti fis-Seduta 92 tat-12 ta' Marzu 2018 u mogħti fis-Seduta Ruling 122 tal-31 ta' Mejju 2018.

Dwar it-talba għar-ruling, is-Sedja kkonstatat li għall-ħabta tal-4.20 p.m. – kif intqal mill-Onor. Ryan Callus u kkonfermat minn xi Membri tal-Oppożizzjoni – jidher li l-Ministru Aaron Farrugia kien fil-bini tal-Parlament.

Is-Sedja allura hawn se tittratta l-kwestjoni tal-obbligi li għandhom il-Ministri lejn il-Parlament u tirrikonoxxi li jeżisti il-prinċipju tar-responsabbiltà ministerjali kollettiva li skont prassi kostanti dejjem inftiehem li Ministru jista' jressaq Abbozzi ta' Liġijiet, mozzjonijiet u jirrispondi mistoqsijiet għan-nom ta' Ministru ieħor. Dan joħroġ minn dak li jgħid il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari fl-artikolu 4.1 u nikkwota:

> "4. PRINĊIPJI ĠENERALI
>
> Barra mill-prinċipju ġenerali tal-osservanza tal-liġi, huwa mistenni mill-Ministri ir-rispett lejn il-prinċipji li ġejjin:
>
> 4.1 Il-prinċipju ta' responsabbiltà kollettiva, fis-sens illi bħala Gvern huwa responsabbli kollettivament lejn u għandu d-dover li jwieġeb għat-tmexxija tiegħu lill-Parlament."

Għaldaqstant il-Ministru Owen Bonnici f'dan il-każ, seta' u kellu dritt li jirrispondi fl-assenza tal-Ministru Aaron Farrugia. Dan l-element ta' responsabbiltà kollettiva ministerjali ġie ttrattat ukoll mis-Sedja fir-Ruling li ġie mogħti fis-Seduta 337 tal-1 ta' Ġunju 2020. Kien ukoll trattat fir-ruling mogħti fis-Seduta 401 tas-17 ta' Novembru 2020.

Imma hemm ukoll il-kwestjoni tal-individual ministerial responsibility li joħroġ mill-artikolu 4 tal-istess Kodiċi u nikkwota:

> "4.2 Individwalment il-Ministri huma responsabbli lejn il-Parlament għad-deċiżjonijiet, policies u azzjonijiet tagħhom u tad-dipartimenti u l-aġenziji li jaqgħu fid-dekasteri tagħhom.
>
> 4.3 Konsegwentement il-Ministri għandhom jagħtu informazzjoni korretta lill-Parlament u għandhom jikkoreġu mal-ewwel opportunità possibbli xi żbalji jew ineżattezzi li jkunu saru b'nuqqas ta' ħsieb.
>
> 4.4 Il-Ministri għandhom bl-aktar mod possibbli jkunu miftuħa fl-għoti ta' informazzjoni lill-Parlament u lill-pubbliku inġenerali."

Is-Sedja tħoss il-ħtieġa li tirreferi wkoll għall-artiklu 9 tal-istess Kodiċi u nikkwota:

"9. IL-MINISTRI U L-PARLAMENT

> 9.1 Meta jkun qed jiltaqa' l-Parlament, huwa d-dmir tal-Ministri li jattendu s-seduti parlamentari u jipparteċipaw attivament fid-diskussjonijiet li jkunu għaddejjin fl-istadji varji li fih jirrisolvi ruħu l-Parlament ..."

– dan ċertament li jinkludi l-mistoqsijiet parlamentari –

> "... kif ukoll fil-Kumitati magħżula tal-Parlament. Meta Ministru jkun imsiefer jew ma jkunx jista' jattendi seduti parlamentari minħabba mard, l-Ispeaker tal-Kamra għandu jigi mgħarraf.
>
> 9.2 Meta jkun jiltaqa' l-Parlament, il-Ministri għandhom jaraw li l-aktar dikjarazzjonijiet u stqarrijiet importanti dwar policies jew deċiżjonijiet jiġu mħabbra fil-Parlament bħala l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż.
>
> 9.3 Il-Ministri għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jagħtu l-iktar informazzjoni preċiża u korretta possibbli u kull korrezzjoni illi tista' tkun meħtieġa għandha ssir mal-ewwel opportunità.
>
> 9.4 L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati għandu f'kull każ ikun infurmat minn qabel dwar stqarrijiet ministerjali fil-Parlament u b'mod ġenerali anki l-Oppożizzjoni tiġi mgħarrfa bil-kontenut ftit tal-ħin qabel ma ssir l-istqarrija.
>
> 9.5 Il-Ministri għandhom juru rispett lejn is-Sedja kif ukoll lejn id-deputati parlamentari kollha."

Is-Sedja se tagħmel referenza ukoll għal dak li ġie ċitat fir-ruling tagħha hawn fuq imsemmi u ċjoe tas-Seduta 337 tal-1 ta' Ġunju 2020 senjatament mill-Erskine 25 edizzjoni li tinsab online taħt it-titolu "Ministerial Accountability to Parliament" u nikkwota:

> "... Ministers have a duty to Parliament to account, and be held to account, for the policies, decisions and actions of their departments."

L-istess Erskine May jgħid ukoll:

> "The Ministerial Code also contains material about Ministers' duty to give information which regulates Ministers' duties in respect of accountability to Parliament. Adherence to the Code is a matter for the Prime Minister, not for the Speaker or the House authorities. Nonetheless, actions which may breach the Code may also be contempts and neither the Code nor the additional duty on Ministers to offer their resignation to the Prime Minister provided in the Resolutions above affect the right of either House to proceed against them in a case of alleged contempt, as it might proceed against any other Member. Each House could suspend or otherwise discipline a Minister; power to act against a Minister who was no longer a Member of either House would be more restricted. When the House found unspecified Ministers in contempt of the House for refusal to comply when the House had passed a motion for a return relating to the release of the Attorney General's final and full legal advice to Cabinet, the papers were published the next day."

Is-Sedja tagħmel ukoll referenza għal dak li tgħid l-enċiklopedija Brittanica online dwar "ministerial responsibility" u nikkwota:

> "Ministerial responsibility, a fundamental constitutional principle in the British Westminster parliamentary system according to which ministers are responsible to the

Parliament for the conduct of their ministry and government as a whole. Ministerial responsibility is central to the parliamentary system, because it ensures the accountability of the government to the legislature and thus, ultimately, to the population."

Dan t'hawn fuq huwa b'xi mod rifless fil-preambolu tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari u nikkwota:

"1. PREAMBOLU

Il-Ministri jintgħażlu mill-Prim Ministru, jibqgħu fil-kariga sakemm idumu jgawdu l-fiduċja tal-Prim Ministru u huma responsabbli lejn u jagħtu kont ta' għemilhom lill-Prim Ministru, lill-Parlament u lill-pubbliku inġenerali, eventwalment lill-elettorat fl-elezzjoni ġenerali.

Huma jgawdu minn pożizzjoni ta' fiduċja mogħtija lilhom mill-poplu u li toħroġ mill-kariga mogħtija mill-Prim Ministru, u jgawdu l-poter li jeżerċitaw diskrezzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet wiesgħa li jistgħu jaffettwaw individwi, gruppi ta' individwi, jew il-komunità inġenerali.

Għaldaqstant il-Ministri għandhom jaġixxu u jġibu ruħhom skont standards tal-ogħla livell kemm fuq bażi personali kemm fil-qadi tad-doveri kostituzzjonali tagħhom."

Fil-każ inkwistjoni kien qed jiġi diskuss inċident irrapportat fil-midja dwar żewġ membri ta' Transport Malta jiġifieri kwestjoni partikolari li għandha x'taqsam ma' entità jew dipartiment li jaqa' direttament taħt ir-responsabilità tal-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali. Din il-kwestjoni kienet qed tiġi mqajma mill-Oppożizzjoni bħala mistoqsija supplimentari għal interpellanza dwar materja kompletament differenti iżda li kienet indirizzata lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrasturruta u l-Proġetti Kapitali u li kienet qed tiġi mwieġba f'ismu mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali. Li Ministru jwieġeb f'isem Ministru ieħor tiġri diversi drabi iżda f'dan il-każ l-Oppożizzjoni kienet qed tinsisti li l-Ministru għat-Trasport, l-Infrastrutura u l-Proġetti Kapitali, li, kif ġie konstatat, kien qiegħed fl-inħawi tal-Parlament, kellu jkun preżenti wkoll fil-Kamra biex jirrispondi d-domandi ndirizzajti lejh.

Is-Sedja filwaqt li tinnota li m'għandix poter li tordna li Ministru jkun fil-Kamra u li l-infurzar tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari ma jispettax lila skont l-istess Kodiċi u skont l-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, xorta waħda tħoss li għandha tiġbed l-attenzjoni ta' kull Ministru għal dak li huwa mistenni minnu fir-rigward tal-Kamra tad-Deputati u dan f'osservanza tal-istess responsabilità ministerjali, kemm dik kollettiva kif ukoll individwali.

Dwar il-każ li għandha quddiema, is-Sedja hija tal-fehma li dan huwa nuqqas, jekk kemm-il darba mhux il-każ li l-Ministru ma setax jidħol fil-Kamra għal raġunijiet ta' xogħol urġenti aktar milli jkun preżenti fil-Parlament. Għalhekk is-Sedja tixtieq tibgħat messaġġ ċar lil kull Ministru li jkollu d-domandi parlamentari x'jirrispondi fl-aġenda li tkun diġà a konoxxenza tiegħu u tenfasizza l-importanza li dawn il-Ministri jkunu preżenti fil-Kamra. Dan fl-osservanza tal-istess responsabilità ministerjali, kemm ir-responsabilità kollettiva u aktar ir-responsabilità individwali tal-istess Ministru sabiex b'hekk jaderixxu ma' dak li huwa mistenni minnhom skont il-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari. Ladarba l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra ma jagħtux il-poter lis-Sedja li teżiġi lill-Ministru biex ikun

fil-Kamra is-Sedja għandha tiġi informata minn qabel dwar ir-raġuni tal-assenza tal-Ministru skont dak li jgħid l-istess Kodiċi ta' Etika.

Għalhekk b'dan, is-Sedja tagħraf l-importanza li l-Ministri kollha jimxu bl-aktar mod korrett mar-responsabilitajiet tagħhom li joħorġu mill-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari fid-dawl tal-irwol tant importanti li dawn għandhom f'din l-ogħla Istituzzjoni.

Il-każ huwa deċiż.